# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-kontinwazzjoni tal-laqgħa Nru : 5 li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **il-Hamis 15 ta' Ottubru 2009 fis-6.00p.m.**

# *L-Ewwel Seduta*

| **Preżenti** | **Membri** |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sur Mario Calleja |
| **Il-Vici Sindku** | Is-Sur Charlot Mifsud |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur John Baptist Camilleri<br>Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Jesmond Mugliett<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Sandro Gatt |
| **Is-Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sur Joseph Caruana |

## *Aġenda*

1. Jinqraw u jiġu kkunsidrati l-Minuti.
2. Wara konsiderazzjoni, biex jiġi approvat li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jiffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.
3. Mozzjonijiet.
4. Mistoqsijiet.
5. Rapport tal-Awditur.
6. Awtoriżazzjoni tal-Ħlasijiet.
7. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill.
8. Aġġornament.

Mayor
**Mario Calleja**

Deputy Mayor
**Charlot Mifsud**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Carmen Fearne**
**Lawrence Ciantar**
**George Farrugia**
**Sandro Gatt**
**Jesmond Mugliett**
**Daniel Spiteri**

Executive Secretary
**Joseph Caruana**

1.0 ***Qari u Approvazzjoni tal-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru. 4(1) tal-24 ta' Awissu 2009**

1.1.1 Il-Kunsill approva li fir-rigward ta' para.1.1.2 il-Kunsill għandu jikteb l-ADT u ngħidulhom li l-parti t'isfel ta' Triq tal-Gardiel hija idjaq min-naħa ta' fuq ta' fejn tlabna li jsiru s-sinjali.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar daħal fis-6.15 pm.***

1.1.2 Fir-rigward ta' para. 2.0 is-Sindku qal lis-Sur James Debono svijja lill-qarrejja tiegħu bl-artiklu li pubblika fil-gazzetta tiegħu. Hu qal li se jikteb lis-Sur James Debono u ngħidulu li kien skorett bl-artiklu tiegħu dwar il-*caravan site* f'Marsaskala.

- ***Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camillieri daħal fis-6.20 pm.***

1.1.3 Il-Kunsill approva li għandna nfakkru l-ħaddiema tal-I.P.S.L biex jipprovaw u jaraw l-uniformi tagħhom biex il-Kunsill ikun jista jordnhom.

1.1.4 Fir-rigward ta' l-applikazzjoni mal-MEPA PA 00707/09 xi Kunsilliera qalu li kien hemm diskussjonijiet aktar li dettalji tagħhom mhumiex imniżla f'paragrafu 3.17 fejn tresqet il-mozzjoni nru 61.

1.1.5 Is-Sindku qal li l-istedina tan-nies li attendew għall-laqgħa pubblika biex jattendu għall-laqgħa oħra biex jiġi spjegat il-misprint tal-accounts għada ma saritx.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għada mhix iffistata d-data ta' meta għanda ssir din il-laqgħa u din kienet ir-raġuni li ma saritx is-sejħa.

Għaldaqstant il-Kusnill approva li għandna naqbdu l-lista ta' dawk li attendew għall-laqgħa pubblika u ninfurmawhom li l-laqgħa se ssir nhar il-Ħamis 29 t'Ottubru 2009 fis-6.00p.m u wara titkompla l-laqgħa tal-Kunsill.

1.1.6 Wara konsiderazzjoni, l-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korett.

1.2 **Laqgħa Nru 4(II) tal-24 ta' Settembru 2009.**

1.2.1 Fil-paragrafu tal-ħatra tas-sotto kumitat, il-Kunsill approva li għandu jitniżżel isem il-Kunsillier responsabbli mal-lista tal-membri.

- ***Il-Viċi Sindku is-Sur Charlot Mifsud daħal fit-7.50pm.***

1.2.2 Is-Sindku għarraf lill-Kunsilliera li s-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi waqt laqgħa li kellhom miegħu qabel li mmedjatament għandha ssir id-devoluzzjoni tal-Ġnien Sant'Anna.

Is-Sindku qal li wara d-devoluzzjoni tal-Ġnien Sant'Anna l-Kunsull ikollu l-faċilita` li joffri partijiet tal-ġnien lill-terzi persuni għal skopijiet ta' negozju jew tisbieħ.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li wara li ssir id-devoluzzjoni, l-Kunsill għandu jiddiskuti kif se jsir l-iżvilupp ta' dan il-ġnien.

1.2.3 Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne fir-rigward ta' para.3.2.1 infurmat lill-Kunsill li akwistat ħafna kotba wżati u għamilna arranġamenti ma' żewġ postijiet li huma *Ta' Grabiel u Summer Nights* biex npoġġu dawn il-kotba fin-negozju tagħhom. Hija qalet li għamlet tentattiv ma aġenti tal-kotba biex nakwistaw *book racks* pero dawn qalu li r-*racks* huma għall-kotba tagħhom biss.

Il-Kunsill approva unanimament li nixtru dawn ir-*racks* jekk insibu min ibiegħhom jew jgħamilhom.

1.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li fir-rigward tas-*swimming zones* hu kkuntatja lis-Sur Bruno tal-*Malta Maritime* u qallu li kien bagħat ittra lill-Kunsill xahrejn qabel ma saru s-*swimming zones* u peress li issa s-sajf għadda, inutli noqgħodu nitkellmu fuq dak li ġara.

Għaldaqstant sar ftehim li għad-darba li ġejja xahrejn qabel se jsir *meeting* qabel ma tinħareġ in-*notice to mariners*

- Is-Sindku qal li ġejna mitluba biex isir *fishing festival* f'Marsaskala u jaħseb li se jieħdu sehem madwar 500 sajjied f'dan il-*festival*. Wieħed għandu jinnota li r-rekord tad-dinja skond il-*Guninnies Book of Records* hu ta' xi 375 sajjied.

1.2.5 Fir-rigward ta' para.3.5 is-Sindku qal li kienu qablu fil-laqgħa mas-Surmat ta' l-Iskola li għandhom isiru żewġ *junctions* u l-karozzi m'għandhomx jitħallew jitilgħu quddiem l-Iskola fil-ħinijiet indikati hawn taħt.

Ħinjiet tax-xitwa : mit-8.00a.m sa 8.45a.m
mis-1.45p.m sa 2.30p.m
Ħinjiet tas-sajf : mit-8.00a.m sa 8.45a.m
Mil-11.15a.m sa 12.00p.m

Is-Sindku qal li fl-interess tat-tfal tal-komunita` tagħna li jattendu l-Iskola Primarja tal-lokal, il-Kunsill qabel unanimament illi peress li hemm periklu kbir, f'din l-akwata isiru l-imsemmija *junctions* u tabelli tal-parkeġġ bil-ħinijiet imsemmija mingħajr ma noqgħodu nistennew l-approvazzjoni min-naħa tal-ADT. Dan qed isir bl-ebda sfida iżda biex wieħed jevita xi nċident fatali fejn l-Iskola msemmija.

Għaldaqstant il-Kunsill ordna lis-Segretarju Eżekuttiv biex isir ix-xogħol.

Is-Segretaju Eżekuttiv qal li hu se jordna it-tabelli biss.

1.2.6 Fir-rigward ta' para 3.10 is-Sindku qal li waqt laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Mario Demarco l-*Malta Tourisim Authority* ikkonfermat li se jieħdu ħsieb ir-restawr tal-Bajda w s-Sewda.

1.2.7 Il-Kunsill approva unanimament li jiddisassoċja ruħu mill-attivita` msemmija f'para 4.11 (*Weekend Break*) għax il-biljetti diġa nbiegħu u l-Kunsill ma ġabar l-ebda flus.

1.2.8 Il-Kunsill approva li ssir *reminder* lill-ADT dwar it-talbiet pendenti li hemm biex isiru tabelli, sinjali etc.

1.2.9 Wara konsiderazzjoni, l-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korett.

2.0 ***Mozzjonijiet:***

Fid-9.20p.m il-Kunsill għadda biex iressaq il-mozzjonijiet .

2.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B.Camilleri (#072-26/08/09):**

*"Jipproponi sabiex fi Triq St'Anna n-naħa tan-nofs fejn hemm it-taraġ li jagħti għal Bella Vista issir Zebra Crossing. Din hija bżonnjuża minħabba li ħafna mumenti jkun diffiċli ħafna li wieħed jaqsam".*

Il-Kunsill approva unanimament.

2.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Sandro Gatt (#091-24/09/09):**

*"Jipproponi sabiex niktbu lis-sezzjoni tal-**Pollution** marittimu biex isir test tal-kwalita` tal-ilma tal-baħar lejn in-naħħet tal-'Bajda u s-Sewda' u l-Bajja ta' San Tumas. Dan sabiex naraw jekk hemm xi impatt mall-Kosta mill-**Fish Farms** jew mid-drenaġġ li joħroġ mill-Kalanka".*

EMENDA: *"Jipproponi sabiex niktbu lis-sezzjoni tal-**Pollution** marittimu biex isir studju fuq bażi long term tal-kwalita` tal-ilma tal-baħar lejn in-naħħet tal-'Bajda u s-Sewda' u l-Bajja ta' San Tumas. Dan sabiex naraw jekk hemm xi impatt mall-Kosta mill-**Fish Farms** jew mid-drenaġġ li joħroġ mill-Kalanka".*

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li l-għan finali ta' dan l-istudju hu li l-baħar ikun *safe* għall-għawwiema.

Il-Kunsill approva unanimament kif emendata.

2.3 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Jesmond Mugliett (#092-25/09/09):**

*"Jipproponi sabiex isir tqassim tal-boroż il-griżi tal-iskart separat li l-Kunsill għandu preżentament in stock, biex ninkoraġġixxu aktar ir-residenti jisseparaw l-iskart. Għandu jsir avviżż u min hu interessat għandu jiġbor dawn il-boroż mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali b'xejn".*

Is-Sindku qal li l-*Green Pak* kien tah kelma li se jibqa jfornina l-boroż tas-separazzjoni ta' l-iskart b'xejn .

Il-Kunsill approva unanimament

- Is-Sindku propona li l-iskart tal-ħwienet jiġi miġbur fil-għaxija billi jiġi van tal-ġbir tal-iskart u jiġbor wara li jagħlqu l-ħwienet.

Hu ssuġerixxa li niktbu lis-Sur Borg l-inkarigat mill-gwardjani biex jispezzjoni l-ħwienet u r-ristoranti filgħaxija.

2.4 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur George Farrugia (#093A-29/09/09):**

*"Jipproponi sabiex issir parking bay għal persuni bi bżonnijiet speċjali faċċata tal-Bank of Valletta kif indikat fis-site plan".*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata għax diġa kienet tresqet fil-Kunsill.

2.5 **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku – is-Sur Charlot Mifsud (#093B-29/9/09):**

*"Jipproponi sabiex issir zebra crossing quddiem il-bus stop ta' Triq Sant'Anna (għal anzjani) biex jaqsmu għal ħdejn La Playa".*

Din il-mozzjoni ġiet sospiża biex naraw kif immorru biz-*zebra crossing* l-oħra li se ssir quddiem il-ħanut tal-laħam.

2.6 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#094-29/9/09):**

*"Jipproponi sabiex titkompla bankina quddiem garaxx fi Triq il-Qaliet eżatt biswit il-Piu Dolce Confectionery".*

Il-Kunsill approva unanimament

2.7 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#095-30/09/09):**

*"Jipproponi sabiex fil-laqgħa li jmiss fil -15 t'Ottubru 2009, jinħatar bord editorjali fuq ir-rivista ta' Marsaskala".*

Il-Kunsill approva unanimament lill-Kunsillier is-Sur George Farrugia bħala Editur u lill-Kunsillieri s-Sinjura Carmen Fearne u s-Sur John B.Camilleri bħala membri tal-Bord Editorjali.

2.8 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#096-30/9/09):**

*"Jipproponi sabiex titranġa gradilja eżistenti li qeda quddiem drive-in fi Triq Ġużeppi Spagnol peress li meta tagħmel ix-xita din tintela bil-karti u jerqgħu l-garaxxijiet li d-dħul tagħhom hija mill-istess drive-in".*

Ix-xogħol diġa sar.

2.9 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#097-30/09/09):**

*"Jipproponi sabiex titranġa biċċa bankina quddiem Mater Maria Gratia fi Triq il-Hortan u li qegħda ta' periklu".*

Il-Kunsill approva unanimament.

2.10 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sinjura Carmen Fearne (#098-1/10/09):**

*"Tipproponi sabiex jinxtraw tlett stands tal-kotba biex jintużaw għall-book cafe`".*

Il-Kunsill approva unanimament

2.11 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku –is-Sur Mario Calleja (#099-1/10/09):**

*"Jipproponi sabiex jinxtara microwave għall-użu tal-Kunsill".*

Il-Kunsill approva unanimament

- Is-Sindku qal li se jkellem lis-Sur Max Castagna biex forsi jtina skont tajjeb.

2.12 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sinjura Carmen Fearne (#100-1/10/09):</u>**

*"Tipproponi sabiex jinxtraw sett tat-telefon għall-kamra ta' fuq".*

Il-Kunsill approva unanimament

2.13 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sinjura Carmen Fearne (#101-1/10/09):</u>**

*"Tipproponi sabiex isir reklam tal-Councilling fuq il-fuljett tal-knisja."*

<u>EMENDA:</u> *"Tipproponi sabiex isir reklam tal-Councilling fuq il-fuljett tal-knisja u r-relam u jiġi mqassam lill-Kunsilliera għall-approvazzjoni".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata hekk kif emendata.

2.14 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sinjura Carmen Fearne (#102-1/10/09):</u>**

*"Tipproponi sabiex nhar ta' Ħamis il-librerija tibqa miftuħa sas-6pm minflok sal-5 pm".*

<u>EMENDA:</u> *"Tipproponi sabiex nhar ta' Ħamis il-librerija tibqa miftuħa sas-6pm minflok sal-5pm u t-Tlieta il-librerija ma tiftaħx".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata hekk kif emendata.

2.15 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sinjura Carmen Fearne (#103-1/10/09):</u>**

*"Tipproponi sabiex il-passaġġ ta' ħdejn ic-Chicos li jagħti għal ħdejn Sant'Anna jitkompla il-handrail".*

<u>EMENDA:</u> *"Tipproponi sabiex il-passaġġ ta' ħdejn ic-Chicos li jagħti għal ħdejn Triq Sant'Anna jsir railing tal-istainless steel".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata hekk kif emendata.

2.16 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku – s-Sur Charlot Mifsud (#104-1/10/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex naraw x'jista' jsir għall-kantuniera ta' Pjazza Dun Tarcis Agius k/m Triq La Sengle. Għandu jsir xi tip ta' barrier jew inkella sleeping police sabiex jitnaqqas il-periklu għal min jgħaddi minn din il-kantuniera".*

<u>EMENDA:</u> *"Jipproponi sabiex naraw x'jista' jsir għall-kantuniera ta' Pjazza Dun Tarcis Agius k/m Triq La Sengle. Għandu jsir xi tip ta' calmer jew inkella sleeping police sabiex jitnaqqas il-periklu għal min jgħaddi minn din il-kantuniera".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata hekk kif emendata.

2.17 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#105-2/10/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex l-art ta' ħdejn il-konok li qed jinbnew mill-ġdid fil-fajtata ssir crete print peress illi l-art hija mħaffra kollha".*

Il-Kunsill approva unanimament u nitolbu l-Perit jitlob fondi mill-U.I.F

2.18 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur George Farrugia (#106-2/10/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex issir ċinta ta' 3 filati bir-re enforced conrete biex tilqa l-imbarazz li jitla mill-baħar fil-maltemp u fl-istess ħin jerġa jinżel l-ilma għal ġol-baħar taħt il-bridge ta' Pjazza Mifsud Bonniċi (quddiem Grabiel)".*

Il-Kunsill approva unanimament li nkellmu l-Perit tal-Kunsill.

2.19 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#107-5/10/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex isfel jkun hemm skrivana oħra għaliex skrivana waħda mhux qed tlaħħaq mal-volum ta' xogħol li hemm".*

Is-Sindku qal li mhux sewwa li fis-sular ta' fuq ikun hemm tlett skrivani u l-iskrivana tkun b'ilsiena barra hemm isfel fil-*customer care* u meta jgħidilha biex tqabdu bit-telefon ma tkux tista għax ikollha n-nies biex taqdihom.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien qallhom kemm il-darba li meta jkollhom ħafna xogħol jikkuntatjawh biex ikun jista jirrimedja u dan id-diskors intqal kemm għal meta jkunu fuq kif ukoll meta jkunu isfel. Il-Kunsill għandu nuqqas ta' skrivani għax hemm tnjen bil-*maternity leave*.

Peress li s-Sindku baqa jinsisti, s-Segretarju Eżekuttiv ikkwota lill-Kunsilliera preżenti para.14(5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 363.20 tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) li tgħid hekk;

*"Is-Segretarju Eżekuttiv, bħala l-kap amministrattiv tal-Kunsill għandu jassumi r-responsabbilita` amministrattiva ta' l-impjegati kollha tal-Kunsill inklużi ordnijiet, dixxiplina, istruzzjonijiet u tqassim tax-xogħol".*

Is-Sindku talab kopja biex l-għada jikteb lid-Direttur għax qal li s-Segretarju Eżekuttiv mhux qed jamministra tajjeb.

Is-Segretarju Eżekuttiv talab li issa li għaddew tlett siegħat għandu jittieħed *break* skond *standing order* stabbilita` mill-Kunsill għax hu ilu mis-7.30a.m fuq xogħol tal-Kunsill.

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħmel issa riżoluzzjoni biex jiġi trasferit x'imkien ieħor għax ħlief tfixkil mhux qed jagħmel.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li riżoluzzjoni għat-trasferiment tas-Segretarju Eżekuttiv għandha tkun fuq l-aġenda tal-laqgħa. Għaldaqstant ma tistax titressaq fil-laqgħa tal-Kunsill għax mhux fuq l-aġenda tal-lum.

Waqt li s-Sindku baqa kontinwament jinsisti li għandha titressaq ir-riżoluzzjoni issa, minkejja li mhux fuq l-aġenda, il-Viċi Sindku is-Sur Charlot Mifsud ikkomunika b'leħen baxx mas-Sindku u s-Sindku instema jgħid b'leħen għoli *"Imxi ħa mmorru l-barra Charlot"* filwaqt li s-Sindku ġabar il-karti u l-files tiegħu fuq xulxin.

F'dan il-waqt is-Segretarju Eżekuttiv qal li skond is-Sindku l-laqgħa hija magħluqa.

❖ ***Il-laqgħa ntemmet fid-9.45p.m***

| | |
|---|---|
| ***Joseph Caruana*** | ***Mario Calleja*** |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |